# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 14 ta' Marzu 2001**

**Avviz. numru 1402/99**

**Numru 29**

**Pupulio Attard u b'nota tas-6 ta' Marzu 2000 Ganni Attard, Maria Calleja, Joseph Attard f'ismu u f'isem ohtu assenti Helen Borg, kif ukoll Maria Dolores Attard u Carmen Attard assumew l-atti stante li missierhom Publiju Attard miet fis-26 ta' Jannar 2000**

**vs**

**Angelo Micallef u Pietru Gauci**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-atturi et noe ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' Lm419 rapprezentanti prezz ta' vjaggi ta' gebel lilhom konsenjati mill-mejjet Vincent Attard.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra nterpellatorja tat-3 ta' Settembru 1999 kontra l-konvenuti u bl-interessi mid-data tal-prezentata tal-avviz, liema konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-atturi et noe sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fit-2 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi et noe s-somma ta' Lm419.00,0 bl-imghax legali mid-29 ta' Settembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-3 ta' Settembru 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg